MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Avviz Numru. 53/2008

**Softweb Limited (C 28642)**

**Vs**

**Edward Bonello**

**Seduta tat-30 ta’ Settembru, 2010.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat minn Softweb Limited fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-hmistax ta’ Frar 2008 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil Edward Bonello jhallasha s-somma ta’ hamest elef hames mija w hamsin Ewro u disgha w tmenin centezmu (€5550.89) dovuti lilha wara li hu rrizenja mill-impjieg tieghu mal-istess socjeta’ rikorrenti b’effett mill-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Mejju, 2007 u dan bi ksur tal-ftehim datat dsatax (19) t’April, 2005 bejnu w l-

istess socjeta'. L-ammont pretiz jirrapprezenta somma flus ekwivalenti ghal nofs is-salarju li kien lilu dovut kieku onora l-imsemmi ftehim.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Edward Bonello pprezentata minnu nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2008 fejn eccepixxa:

*1. Fl-ewwel lok illi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut u dan stante li huwa ma kiser l-ebda ftehim kif allegat mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ahjar pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Fit-tieni lok u interament minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-ammont mitlub huwa esagerat;*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi nhar it-tnejn u ghoxrin ta' Settembru 2008 xehed **Frans Wirth** (a fol. 13 et seq.) fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur u Finance Administration fis-socjeta' attrici. Ikkonferma wkoll li l-konvenut kien impjegat maghhom bhala System Support Professional, u dan skond kuntratt tad-dsatax (19) t'April 2005 li hu esebixxa u li gie mmarkat bhala Dok. SL. Dan il-kuntratt kien ghal tliet snin u l-ewwel sitt xhur minnhom kienu Probation. Il-konvenut effettivament beda jahdem maghhom fis-26 t'April, 2005. Qal li sussegwentement fil-25 ta' Mejju, 2007 il-konvenut kien baghtilhom ittra ta' rizenja, w esebixxa kopja taghha li giet markata bhala bhala Dok. SL1, u zied ighid li huma rrispondewh b'ittra ohra datata 28 ta' Mejju 2007, mibghuta mill-Manager Chris Briffa. Din tinsabukoll esebita u mmarkata bhala Dok. SL 2. Spjega li huma hadmu l-ammont li l-konvenut kellu jhallashom bhala notice, cioe' hamest elef, hames mija w hamsin Ewro u disgha w tmenin centezmu (€5550.89), u avzawh li jekk ma jwegibhomx sal-21 ta' Mejju, 2007 kien se jibda jiddekorri l-imghax fuq dan l-

ammont. Sussegwentement baghtulu wkoll ittra registrata, li hu ffirma ghaliha fit-tmienja ta' Gunju 2007. Dan nonostante pero' l-konvenut baqa' ma hallas xejn u ghalhekk huma rrikorrew ghall-assistenza legali. Sostna li huma m'ghandhom jaghtu xejn lill-konvenut la bhala *notice money* u lanqas bhala arretrati ta' paga.

Fis-seduta tas-sitta ta' Mejju, 2009 xehed Franz Wirth in kontro-ezami (a fol. 49 et seq.) li sostna li mhux kompitu tieghu li jkollu SSR reports u zied li m'hemmx SSRs li ghandhom x'jaqsmu ma' din il-kawza ghalkemm ghal kull bicca xoghol li taghmel is-socjeta' Softweb kien isir SSR. Ikkonferma li Edward Bonello kien impjegat maghhom u ghalhekk ghamel xoghol ghall-kumpanija, w allura zgur irid ikun hemm SSR reports, pero' biex isibhom hemm bzonn ikun jaf min huma l-klijenti. Zied jispjega li dawk l-SSR reports li ghandhom x'jaqsmu mal-overtime jinzammu mal-payroll, u li l-konvenut thallas ghal kull overtime li huwa kien awtorizzat jaghmel.

Dakinhar xehed ukoll **Marco Miceli** li gharaf il-firma tieghu fuq il-kuntratt immarkat bhala Dok. SL, iffirmat bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut. Spjega li huwa kien xhud tal-identita' tal-konvenut u dan fil-kapacita' tieghu ta' Software Services Manager. Jaf li fit-28 ta' Mejju, 2007 il-Managing Director Christopher Briffa kien baghat ittra lil Edward Bonello, li gharafha li kienet esebita u immarkata bhala Dok. SL2, u stqarr li dan jafu peress li ntbaghtet kopja lilu wkoll. Sostna li huwa kien kellem lil Edward Bonello w ipprova jikkonvincih sabiex jahdem in-notice period biex ma jehilx il-penali, pero' dan m'accettax u ghalhekk intalab li jhallas il-penali li sallum baqghet ma thallsitx.

Xehed ukoll **Brian Darmanin** ( a fol. 23) fil-kapacita' tieghu ta' Project Leader mas-socjeta' attrici. Huwa qal li ghalkemm Edward Bonello kien jaqa' taht ir-responsabbilita' tieghu, dan xorta ma nfurmahx li kien se jirrezenja. Qal li meta eventwalment sar jaf li l-konvenut kien bi hsiebu jirrezenja, kien ipprova jkellmu biex jara kienx hemm xi problema, u dan kien qallu li bazikament kien iddejjaq u xtaq jitlaq. Qal li jaf li Marco Miceli kien

offrielu li jahdem tliet xhur ohra u b'hekk ikun jista' jitlaq bla problemi, pero' l-konvenut m'accettax.

Nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2009 rega' xehed ukoll Brian Darmanin li qal li Edward Bonello kien jaqbad u jaghmel l-overtime minghajr awtorizzazzjoni ta' hadd. Spjega li huma kienu tnejn min-nies u bl-ammont ta' klijenti li kellhom iqassmu l-gurnata mill-ahjar li setghu. Qal li hu kien tal-idea li iktar minn tlieta jew erba' klijenti kull wiehed ma jaqdux f'gurnata, pero' qal li Edward Bonello kien jaghmel ta' rasu u jlahhaq iktar. Ikkonferma li kull nhar ta' Tnejn kienu jiltaqghu biex jiskedaw ix-xoghol, pero' zied li fin-natura tax-xoghol taghhom bilfors li jinqalghu affarijiet li ma jkunux skedati. Ammetta wkoll li gieli kien ikun hemm cirkostanzi fejn bniedem kien jinghata xoghol u ma jkunx jista' jlestih fil-hinijet moghtija lilu. Spjega li jekk impjegat ikun qed jahdem ghand klijent u jara li mhux se jlesti fil-hin, isaqsi lil dak il-klijent jekk iridux ikompli jahdem overtime u f'kaz li dan jaqbel imbaghad jitlob l-approvazzjoni, u huwa mbaghad allura li jkun jista' jinhadem l-overtime. Spjega li juzaw din is-sistema ghaliex jekk klijent ma jaccettax li jsir ix-xoghol wara l-hin, sussegwentement mhux se jaccetta li jhallas extra tal-overtime. Qal ukoll li l-kwistjoni tal-overtime mhux dejjem titnizzel fuq l-SSR, pero' jkun hemm dokument apparti li jiffirma ghalih il-klijent, biex wara s-Softweb ticcargjah bir-rata tal-overtime. Sostna li Marco Miceli huwa l-manager li jawtorizza l-overtime, fil-fatt anke hu stess irid jitlob l-awtorizzazzjoni tieghu w hu qatt ma kellu problemi biex jikkomunika mieghu dwar dan. Mistoqsi jekk jafx kienx hemm iktar nies li tterminaw l-impjieg taghhom qabel ma skada l-kuntratt, qal li jahseb li kien hemm. Ma kienx jaf jghid jekk Edward Bonello thallasx tal-overtime kollu.

Fil-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 2008 xehed **Chris Briffa** (a fol. 26 et seq.) bhala d-Direttur Manigerjali mas-socjeta' attrici. Ikkonferma li hu kien involut fl-ghazla tal-konvenut biex jibda jahdem maghhom, u li fil-fatt kellu *definite contract* ta' tliet snin b'numru ta' kundizzjonijiet, pero' wara sentejn il-konvenut tahom in-notice tieghu. Ikkonferma li

dan il-kuntratt huwa dak esebit a fol. 16 et seq. tal-process u fuqu gharaf il-firma tieghu. Sostna li huma qed jaghmlu claim ghat-*termination* skond l-istess kuntratt. Mistoqsi jafx ghaliex il-konvenut xtaq itemm l-impjieg tieghu qal li ma tah l-ebda raguni, qallu biss li ried jitlaq. Zied li rrizultalu li wara li telaq minn maghhom kien beda jahdem ma' kumpanija ohra, minn fejn telaq ukoll, u li fil-prezent jahdem ma' kumpanija ohra. Ikkonferma li huma dejjem hallsuh fil-hin kemm ghall-paga u anke ghall-overtime li kien jaghmel.

Rat li nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2009 xehed **Chris Briffa** in kontro-ezami (a fol. 39 et seq.) li spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Managing Director ta' Intercomp Limited u li Softweb Limited hija sussidjarja taghha. Cahad li l-konvenut qatt qallu li s-sistema tal-overtime taghhom kienet eccessiva u li ma kienx qed jithallas, anzi zied li din il-kwistjoni kienet regolata. Zied jispjega li meta jkun hemm bzonn li certu mpjegat jaghmel overtime, ikollu bzonn l-awtorizzazzjoni tal-manager tieghu. Stqarr li ma jafx li kien hemm problema ta' komunikazzjoni bejn il-konvenut u Marco Miceli, izda sostna li l-konvenut dejjem seta' jikkomunika ma' Miceli bl-e-mail. Ikkonferma li huma juzaw is-sistema tas-Software Service Report u li fuqha jiffirma kemm l-impjegat kif ukoll il-klijent, u li fuqhom ikun hemm indikat il-hinijiet li l-haddiem ikun dam ghand klijent. Pero' ghalkemm qal li huwa minnu li l-kont johrog a bazi ta' dawn l-indikazzjonijiet, zied li jista' jkun hemm ukoll ftehim minn qabel mal-klijent. Qal li l-SSrs jiehu hsiebhom Marco Miceli.

Mistoqsi kemm kien hemm haddiema li tterminaw l-impjieg taghhom waqt li l-kuntratt taghhom kien ghadu ghaddej, stqarr li ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb, pero' pprometta li jaghmel dan f'seduta ohra. Lanqas ma kien jaf jghid jekk is-sistema tal-overtime inbidlitx jew le. Qal li sa fejn jaf hu l-overtime li ma thallasx tieghu il-konvenut, huwa dak li ma kienx awtorizzat li jaghmel. Insista li l-ftehim li kellhom mal-konvenut huma dejjem onorawh.

Fis-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2009 gie pprezentat l-affidavit tal-**konvenut** (a fol. 33 et seq.) fejn ikkonferma li fid-19 ta' April 2005 huwa kien iffirma kuntratt ma' Softweb Limited meta gie mpjegat maghha bhala Systems Support Professional. Sussegwentement huwa rrizenja minn mal-istess kumpanija fil-25 ta' Mejju, 2007, u dan peress li s-socjeta' attrici naqset milli ssolvi d-diversi problemi li hu kien ikollu ta' kull gimgha minhabba n-nuqqas ta' professjonalita' w negligenza da parti tal-management. Spjega li minhabba f'hekk hu kien ta' kuljum isib ruhu f'sitwazzjoni fejn ma setax jippjana x-xoghol tieghu b'mod li dan seta' jwettqu fil-hin regolari tax-xoghol, u ta' spiss kien ikollu jahdem wara l-hin minghajr pre-avviz u bla hlas. Zied li b'hekk kien qed ikollu jahdem izjed minn erbghin siegha fil-gimgha, u gieli hadem anke izjed minn tmienja w erbghin siegha f'gimgha.

Kompla li kull nhar ta' Tnejn filghodu kienu jiltaqghu mal-Manager Marco Miceli u mat-Team Leader Brian Darmanin biex iqassmu x-xoghol. Qal li ghalkemm skond dan it-tqassim huma kienu jkunu diga' maghfusin bix-xoghol, wara l-laqgha kien ikun assenjat iktar xoghol, pero' meta kien jilmenta Marco Miceli kien jghidlu li l-bicca xoghol zejda kienet se tohodlu biss ftit minuti. Pero' mbaghad, meta kien imur ghand il-klijent kien isib li s-sitwazzjoni tkun ferm differenti minn dik prezentata minn Miceli ghaliex il-klijent ikun talab mill-kumpanija ferm aktar minn dak lilu spjegat. Barra minn hekk gieli kien isir jaf li Miceli jkun wieghed lill-klijenti li kienu ser jinqdew dakinhar stess u allura kien jigri li l-hin necessarju sabiex ilesti x-xoghol li jkun gie assenjat lilu kien jiehu aktar mit-tmien sieghat xoghol tal-gurnata.

Sostna li meta dahal jahdem mal-kumpanija attrici kien hemm xi hdax-il impjegat, pero' tul is-sentejn li dam hemm telqu tnejn minhabba l-kundizzjonijiet tax-xoghol. Jaf ukoll li wara li telaq hu rrizenjaw izjed impjegati.

Ilmenta wkoll li kien hemm drabi meta kien assenjtat progetti kbar ma' Brian Darmanin, pero' dan bl-iskuza li jrid imur ghand klijenti ohra kien jitlaq u jhallih jaghmel ix-xoghol ta' tnejn min-nies wahdu, u allura kien ikollu

jahdem wara l-hin biex ilahhaq max-xoghol assenjat lilu. Barra minn hekk qal li l-prassi kienet li klijent kien jitlob bil-miktub ghal xoghol overtime, pero’ kien jigri li minhabba s-sitwazzjoni li kienu jahdmu fiha kein ikun impossibbli li wiehed jottjeni l-kunsens qabel jahdem *overtime*. Ilmenta wkoll mill-fatt li Marco Miceli ma kienx jirrispondi l-e-mails, partikolarment dawk li kienu jirrikjedu risposta f’hin qasir, u allura kien ikun inutli li jibghatlu e-mail ghall-approvazzjoni ta’ overtime. Inoltre dan ta’ spiss kien ikollu l-mobile mitfi jew ma jwegibx, u hafna drabi kien ikun barra mill-ufficcju.

Spjega li klijent kien jiffirma Software Service Report (SSR) fejn kienu jitnizzlu d-data, t-*time in u time out* u x-xoghol li jkun sar u dawn kienu jservu bhala prova tal-overtime li jkun sar. Qal ukoll li l-management kien konxju ta’ din is-sitwazzjoni, tant li meta darba qajjem il-kwistjoni waqt il-laqgha tat-Tnejn fil-prezenza ta’ Franz Wirth, dan kien qallu li kien qed jaghmel hazin jahdem wara l-hin u li ma kellux jaghmel hekk, pero’ xorta baqa’ ma sar xejn.

Qal li hu konxju tal-fatt li ma setax jaqbad u jitlaq mill-impjieg ghax dan kien jammont ghal ksur tal-kuntratt bhal ma hu konxju wkoll li x-xoghol taghhom ma jippermettix li wiehed jitlaq malli jdoqqu l-hamsa. Spjega li darba fil-gimgha kien jimla’ formola bir-rendikont tas-sieghat li jkun hadem pero’ donnu ftit kienu jaghtu kasha. Sostna li ghalkemm gie avzat biex jahdimx wara l-hin, ix-xoghol li kien jigi assenjat lilu bilfors kien jirrikjedi li jibqa’ wara l-hin biex jitlesta, u allura ma kellux ghazla, u dan jirrizutla mill-SSRs. Sadanittant pero’ hu ma kienx qed jithallas ghall-overtime kollu li jaghmel.

Kompla li lejn l-ahhar tas-sena 2006 kien gie ordnat jibda jibghat e-mail lill-manager wara li jkun hadem l-overtime, izda mbaghad meta talab li jithallas tal-overtime li kien hadem bejn Jannar u April tas-sena 2007 kien ircieva bissa pagament parzjali. Zied ukoll li matul is-sena 2007 kemm Brian Darmanin kif ukoll Marco Miceli kienu jkunu regolarment barra mill-ufficcju. Qal li dam jissaporti din is-sitwazzjoni fejn jahdem izjed minn erbghin siegha fil-gimgha bla ma jithallas, ghal sentejn, izda mbaghad ma setax ikompli jaccetta dan l-abbuz u ghalhekk peress li l-

kumpanija ma sabitx soluzzjoni kellu jitlaq biex ma jibqax jigi abbuzat.

Nhar l-erbgha ta' Marzu, 2010 xehed **Dr. George Cutajar** (a fol. 61) fejn qal li minn indagni li ghamel ghan-nom ta' Softweb Limited, dwar kemm effettivament Edward Bonello thallas bhala overtime, ikkonferma li fil-fatt dan thallas bhala overtime l-ammont ta' mija w tmienja w erbghin Ewro u hamsa w tletin centezmu (€148.35) matul l-impjieg tieghu kollu. Zied li l-konvenut kien talab ghall-hlas ta' iktar overtime, pero' peress li fil-fehma tas-socjeta' attrici dan l-overtime ma kienx gie awtorizzat, il-hlas ma sarx. Kompla jispjega li peress li fuq il-formola tal-overtime ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni tas-superjuri tal-konvenut, it-talba tieghu ma kinitx approvata. Insista li l-konvenut kien obbligat li jitlob l-awtorizzazzjoni u fil-fatt l-overtime li thallas tieghu kien dak awtorizzat u approvat.

Nhar il-wiehed u tletin ta' Mejju, 2010 **il-konvenut Edward Bonello pprezenta affidavit ulterjuri tieghu** wara li ra x-xhieda tar-rapprezentanti ta' Softweb Limited. Flimkien ma' dan l-affidavit huwa pprezenta numru ta' dokumenti li gew immarkati komplessivament bhala Dok. BEA1. Spjega li dan huwa rendikont ta' overtime li huwa hadem tul l-impjieg tieghu mal-kumpanija attrici u li ma giex indikat minnha fid-dokumenti minnha esebiti. Esebixxa wkoll Dok. BEA2 li juri l-pagi li huwa rcieva minghand Softweb Limited. Esebixxa wkoll il-payslips ghall-perjodu minn Mejju 2005 sa Mejju 2007, li gew immarkati bhala Dok. BE31 sa BE51. Sostna li dan id-dokument juri li ghall-kuntrarju ta' dak li qed issotni l-kumpanija attrici, huwa thallas biss tlieta w sittin Lira u tmienja w sittin centezmu f'*overtime*, meta d-dokumenti li huwa esebixxa juri li fil-fatt huwa hadem total ta' mija w tnejn u hamsin punt tnejn sieghat.

Flimkien mal-affidavit tal-konvenut gie pprezentat ukoll affidavit ta' **Duncan Abela** (a fol.111) li qal li huwa kien iffirma kuntratt ta' tliet snin mas-socjeta' Softweb Limited fis-16 ta' Jannar 2006 u gie mpjegat maghhom bhala

“Web Developer”. Qal li tul l-impjieg tieghu kienu bosta c-cirkostanzi fejn kellu jahdem hinijiet twal minghajr hlas, biex ikun jista’ jlahhaq mad-“deadline” tal-progetti. Qal li l-kumpanija timponi li qabel isir l-overtime, ghandu jkun avzat il-manager, pero’ zied li ghalkemm hafna drabi dan kien jaghmlu, xorta kellu jigri wara l-management biex jithallas tal-hinijiet zejda li jkun hadem. Zied li kien hemm sahansitra okkazjonijiet fejn l-overtime ikun sar fil-prezenza tal-manager, u dan nonostante huwa xorta ma thallasx tieghu. Semma wkoll kaz fejn ghalkemm kien ftiehem mal-management dwar overtime li kellu jaghmel, xorta gie mhallas tieghu wara sentejn. Meta kien jitlob spjegazzjoni ghaliex ghadu ma thallasx, kienu jwegbuh li l-klijent ghadu ma hallasx u konsegwenement huwa ma setax jithallas lanqas, u ghalkemm wara kien sar jaf mill-klijent stess li hu kien hallas tal-progett, xorta kellu jilmenta kemm-il darba biex jithallas. Zied jispjega li ghalkemm kien jimla t-time sheets li juru s-sieghat ta’ xoghol, inkluz dawk zejda, qatt ma gie mistoqsi ghala kien qed jahdem dawn is-sieghat zejda, u lanqas ma kien jithallas taghhom. Kompla jghid li ghalkemm fil-kuntratt kellu mnizzel li kellu jintabhat ghal tahrig, il-kumpanija qatt ma baghtitu ghal dan it-tahrig u biex izomm ruhu aggornat fl-ahhar teknologiji dan it-tahrig kellu jaghmlu fil-hin tieghu wara x-xoghol.

**Dr. George Cutajar** xehed fis-seduta tat-tletin ta’ Gunju 2010 u qal li l-konvenut Edward Bonello kien gie mpjegat mas-socjeta’ attrici fil-25 t’April, 2005 u dam impjegat sat-22 ta’ mejju, 2007. Qal ukoll li matul dan il-perjodu kien hemm hames impjegati ohra, li kienu junior software developers, li rrizenjaw ukoll. Kompla jghid li f’April, 2005, meta gie mpjegat il-konvenut, il-kumpanija kienet timpjega disa’ min-nies fl-istess settur tieghu, u li meta rrizenja l-konvenut l-istaff kien erbatax. Mistoqsi jekk dawk li rrizenjaw bejn l-2005 u l-2007 kellhomx kuntratt definittiv jew le, ma kienx jaf iwiegeb.

Meta rega’ xehed fl-erbatax ta’ Lulju, 2010 Dr. George Cutajar qal li bejn April 2005 u mejju 2007 kien hemm biss impjegat wiehed fuq kuntratt definittiv li rrizenja, u li dan

hallas dak minnu dovut skond il-penali msemmija fil-kuntratt.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut Edward Bonello, pprezentata fis-sbatax t’Awissu, 2010, kif ukoll ir-risposta tas-socjeta’ attrici Softweb Limited tal-ewwel ta’ Settembru, 2010.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta’ attrici qed tilmenta li l-konvenut kiser il-kuntratt unilaterlament meta huwa rrizenja mix-xoghol tieghu qabel il-waqt, waqt li l-konvenut qed jghid li huwa kellu kull ragun jieqaf mix-xoghol ghaliex kienet is-socjeta’ stess li ma kinitx qed tosserva l-obbligazzjonijiet taghha naxxenti mill-kuntratt iffirmat minnha. Il-konvenut jghid li huwa kien qed jigi abbuzat mis-servizz li kien qed jaghti lis-socjeta’ attrici u kien ghalhekk li huwa temm l-impjieg tieghu qabel iz-zmien.

In linea generali kif gie ritenut fis-sentenza moghtija nhar id-19 ta’ Jannar 1996 fl-ismijiet **Gianni Cefalu et vs Paul Gauci noe** “*Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16*.”

Illi jinghad li f’dan il-kaz mhux qed tigi attakkata il-validita’ o meno tal-kuntratt, izda l-fatt li l-konvenut qabad u arbitrarjament waqaf milli jmur ghax-xoghol u jesegwixxi l-obbligazzjonijiet li assuma bl-iffirmar tal-kuntratt definittiv tax-xoghol.

Issa skond is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc

nhar is-7 ta’ Mejju 1965 fl-ismijiet **<u>Salvatore Bezzina vs Aurelio Mea et</u>** inghad l*i :- “ftehim bejn il-partjiet ma jistax jigi revokat unilateralment minn parti wahda meta jdhrilha hi, almenu bla <u>raguni gusta skond il-ligi</u>. Biex wiehed jinzamm responsabbli tad-danni lejn l-iehor, jehtieg li jigi ppruvat li huwa rrenda ruhu hati lejh, jew ta' kolpa delittwuza, jew kwazi-delittwuza, jew kwazi- delittwuza konsistenti fi ksur ta' xi obbligu lejh impost lilu mil-ligi, jew ta' kolpa kontrattwali konsistenti fil-ksur ta' xi obbligazzjoni li huwa kellu lejh bis-sahha ta' kuntratt.”*

Issa kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-2 t’Ottubru, 2001 fl-ismijiet: **<u>Alfrida Borg et vs Carmen Camilleri et</u>** inghad li*:- “Ir-regola 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' mhix assoluta, u ssofri eccezzjoni f'certi kazi. Il-principji li jirregolaw din il-materja skond il-gurisprudenza l-aktar ricenti huma dawn li gejjin:*

*Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk m'ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti jdahhal f'dak il-ftehim klawsoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawsoli sekondarji li jkunu qeghdin ifissru jew jiccaraw il-klawsoli principali.*

*Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu dilucidati punti oskuri ta' kitba, jew f'kazi ta' impunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga car.*

*Ir-regola li kontra l-prova miktuba ma tistax tigi ammessa prova testimonjali mhix applikabli meta l-prova tigi offerta biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-kontraenti li tkun espressa b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabli ma l-att.*

*Il-principju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx*

*perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali".*

Jidher li l-kwistjoni principali ghaliex il-konvenut qabad u telaq mix-xoghol qabel iz-zmien kienet minhabba l-fatt li huwa kien qed jaghmel hafna xoghol *over time* u ma jithallasx ghalih, u in oltre stqarr li kien hemm *mismanagement*, liema *mismanagement* kien qed jikkrejalu problema waqt ix-xoghol.

Skond il-kuntratt tax-xoghol iffirmat bejn il-partijiet, esebit a fol. 16 et seq, taht it-titolu Hours of Work  jinghad li l-konvenut kellu jahdem *'an average of 40 hours a week on a five day week basis. The employee is expected to put in additional effort should projects fall behind schedule in order to meet agreed targets.'*  U in segwitu a fol. 17 taht it-titolu *'other entitlement'* hemm imnizzel li *'overtime will be paid to the employee on condition to a confirmed request by a client and the employee will be advised accordingly in writing or by e mail.'*  Ghalhekk m'hemmx dubbju li ghax-xoghol zejjed li kellu jaghmel il-konvent kellu jithallas, purche' a priori  jkollu t-talba tieghu ghal *overtime* milqugha w approvata  bil-miktub jew permezz ta' e-mail.

Il-konvenut jispjega li dan ma kienx dejjem possibli.  Fil-fatt flimkien mal-affidavit tieghu a fol. 65 huwa esebixxa dokument li gie markat bhala Dok BEA1 li kien jikkonsisti f'rendikont ta' *overtime* li huwa kien hadem waqt l-impjieg tieghu, liema *overtime* ma giex indikat mis-socjeta' attrici fid-dokumenti esebiti minnha. Jirrizulta wkoll minn dak li esebixxa l-konvenut li huwa kien kiteb lil Frans Wirth, Manager tas-socjeta' attrici w indikalu l-*overtime* li kien ghamel, pero' dwar dan is-socjeta' attrici donnha baqghet siekta (Dok BEA3).

Il-konvenut jghid fix-xhieda tieghu li kull darba li kellu bzonn jaghmel xi *overtime* kellu l-ewwel jitlob permess, pero' kien jigri li gieli l-htiega kienet tinqala' fl-ahhar mument u huwa kien jibghat e-mail lil Marco Miceli, kif kien obbligat li jaghmel, u dan kien jibqa' bla risposta, u

meta kien icempillu dan Miceli ma kienx jirrispondih u ghalhekk sabiex ilahhaq mat-*time limits* tax-xoghol kien ikollu jispicca jaghmel *overtime* bla ma jkun awtorizzat u bhala konsegwenza ma kienx jithallas ghalih. Jghid li l-alternattiva kienet tkun li jabbanduna x-xoghol u jitilfu t-*time limits*. Jghid ukoll li kien hemm drabi meta dan Miceli kien ikun barra mill-ufficcju u ghalhekk ma kienx ikun f'posizzjoni li jikkomunika mieghu *ab initio* qabel ma jaghmel l-*overtime*. Jispjega illi huwa ghandu prova konkreta tal-*overtime* li kien jaghmel ghaliex kull bicca xoghol kienet tirrikjedi *time sheet* li fuqha kienu jitnizzlu il-hinijiet tax-xoghol u din kienet tigi iffirmata kemm minnu kif ukoll mill-klijent li f'dak il-hin kien ikun qed jikkonferma u japprova l-hin li jkun ghamel il-konvenut. Dawn it-*time sheets* gew esebiti w ma gewx michuda. Ghalhekk mhux suppost li jkun hemm dubbju dwar dawn il-hinijiet ta' *overtime*. Dan nonostante l-konvenut spicca ghamel diversi sighat ta' *overtime* u ma thallasx taghhom. Jinghad li l-affidavitipprezentat mill-konvenut ma gie kontestat fl-ebda hin mis-socjeta' attrici.

Il-konvenut ressaq lil Duncan Abela jixhed u jghid li huwa wkoll kellu impjieg mas-socjeta' attrici ghal xi zmien u kellu problema maghha dwar nuqqas ta' hlas ta' *overtime* li kien jaghmel. Jghid ukoll li gieli kien hemm okkazjonijiet meta hadem hinijiet ta' *ovetime* li kien isir fil-presenza tal-Manager u xorta ma thallasx tieghu.

Kif inghad fis-sentenza moghtija mil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2004 fl-ismijiet **Giordmaina Medici Frank et Vs William Rizzo et :-***"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali*

*rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."*

Issa skond is-sentenza moghtija nhar 30 ta' Ottubru 2003 fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **George Bugeja vs Joseph Meilaq** inghad li :*"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni."*

Illi f'dan il-kaz is-socjeta' attrici ma ghamlet l-ebda kontro- ezami tal-konvenut jew tax-xhud ingunt minnu

Duncan Darmanin, striehet biss fuq il-provi taghha li aktar tard gew kontradetti mill-konvenut. Interessanti pero' l-Qorti tinnota li fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici din tipprova tiskredita lill-konvenut, u dan minghajr ma ressqet l-ebda prova sabiex taghmel dan waqt is-smiegh tal-provi. Taghmel diversi affermazzjonijiet gratwiti fin-nota taghha li ma jsibu l-ebda konfort fil-provi mismugha.

Ghaldaqstant din il-Qorti taqbel ma' dak li gie sottomess mill-konvenut fin-nota tieghu li l-inadmepjenza f'dan il-kaz hija mputabbli verament lis-socjeta' attrici, u li hemm proporzjonalita' bejn din l-indamepjenza tieghu u li jieqaf mill-impjieg tieghu, u l-inadempjenza tas-socjeta' attrici li ma hallsitux ghax-xoghol li ghamel. M'hemmx dubbju ghalhekk li l-konvenut kellu raguni legittima sabiex jieqaf mill-impjieg tieghu.

**Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta' attrici li titlob hlas ta' flus rapprezentanti nofs is-salarju li kien ikun dovut kieku l-konvenut mexa skond il-ftehim ta' bejniethom qieghda tigi michuda, filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu milqugha.**

**L-ispejjez ta din il-kawza jigu sopportati mis-socjeta' attrici.**

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------